Verżjoni Elettronika

A.L. 225 tal-2020

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw it-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 li jemendaw it-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mat-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Tnax-il Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "it-Tnax-il Skeda".

Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/1995 tal-21 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati ma' bejgħ b'distanza ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data jew id-dati li l-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, jista' b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi.

Jemenda l-partita 2 tat-Tnax-il Skeda.

2. Il-partita 2 tat-Tnax-il Skeda, għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara l-paragrafu (b) tas-subpartita (1) tagħha, għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) Fattura ta' taxxa m'għandiex tkun meħtieġa fir-rigward ta' bejgħ li jsir f'ċertu distanza magħmul minn persuna li tkun qed tuża l-iskema speċjali skont il-Sezzjoni 3 tat-Taqsima Sebgħa tal-Erbatax-il Skeda."; u

(b) fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) fis-subpartita (2) tagħha, il-kliem "fit-Taqsimiet Sebgħa u Tmienja tal-Erbatax-il Skeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fit-Taqsima Sebgħa tal-Erbatax-il Skeda".